**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Frar, 2001

**Numru 2**

**Avviz. numru 1323/00JR**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Martin Bonnici**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Awissu, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u tnax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm112.50) rapprezentanti access ghall-uzu ta' "mobile telephone" u "airtime" ghall-istess uzu ghall-perijodu mill-21 ta' Lulju, 1997, sat-2 ta' Novembru,1998; Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, pero` fis-seduta tal-15 ta' Dicembru, 2000, dehret id-difensur tieghu u ddikjarat li qed tikkontesta t-talba stante pagament.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Jackie Scerri ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Il-konvenut baqa' ma tellax provi insostenn ta' dak li kien qed jeccepixxi, u lanqas ma deher. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tnax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm112.50), bl-imghaxijiet legali mid-29 ta' Awissu, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**